MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 81/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Gatt)**
**Vs**

**Trevor Spiteri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fid-9 ta' Lulju, 2000 ghall-habta tas-7.30 p.m. gewwa Triq ix-Xatt, Gzira :**

**1) minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Anna Camilleri mill-Hamrun f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Anna Camilleri, liema hsara hija offiza gravi li tikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-**

**gisem jew marda permanenti tal-mohh jew gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' Anna Camilleri mill-Hamrun skond kif iccertifika Doctor A. Gatt MD fl-Isptar San Luqa;**
**2) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anna Camilleri, Franco Camilleri u John Azzopardi, kif iccertifikaw Doctor E. Scerri MD tal-Gzira Health Centre u Doctor S. Zammit tad-Dipartiment tal-Kura Primarja;**
**3) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, hebb kontra l-persuna ta' Anna Camilleri, Franco Camilleri u John Azzopardi sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jghamlilhom hsara;**
**4) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, kiser voluntarjament l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;**
**5) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi waddab flixkun tal-inbid mimli kontra l-persuna ta' Anna Camilleri.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Marzu, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 221, 339(1)(d), 338(dd), 339(1)(b), 17(b)(c), 20, 22, 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ sentejn u nofs.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Marzu, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w li hu jigi liberat minn kull htija w piena, u fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, tigi riformata l-piena billi minflok dik inflitta, tinghata piena jew provvediment li aktar jaghmlu ghall-kaz u ghall-personalita’ tal-esponenti.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe’ :- ( 1) li dwar il-ligi li tirrigwarda l-sfregju, din tiddistingwi bejn l-isfregu w l-isfregu gravi**

**w permanenti w d-decizjoni jekk ikunx gravi w permanenti hija rimessa lil min ghandu jiggudika w mhux rimessa biss lit-tobba. F' dan il-kaz l-espert nominat mill-Qorti wasal biss skond l-istess sentenza li kien hemm ferita ta' *"natura gravi konsistenti fi sfregju fil-wicc*". Li l-artikolu 218 (1) (b) jitkellem fuq sfregju gravi w permanenti w mhux semplicement fuq sfregju fil-wicc, reat li hu kopert bl-artikolu 216 (1) (b) tal-Kodici Kriminali. Li dak li ddeskriva Dr. Dino Vella jaqa' taht l-artikolu 216 (1) (b). Veru li Dr. Alex Gatt xehed li l-offiza hi *"permanenti ghaliex tikkostitwixxi sfregju*" imma ferita ma ssirx permanenti ghax hi sfregju. L-isfregju gravi w permanenti jrid igib dak id-deturpament tal-bellezza tal-wicc b' mod perrmanenti w gravi. Ma jidhirx li din id-distinzjoni saret u ghalhekk, jekk wiehed jistrieh fuq il-kostatazzjonijiet tal-espert nominat mill-Qorti stess, jista' jasal biss ghall-ferita taht l-artikolu 216 (1) (b). (2) li l-Ewwel Qorti sabet htija anki dwar il-kontravvenzjonijiet. Jista' jkun li stante li l-kaz ilu ghaddej hames snin, qabel ma dahlet il-ligi li tesigi biss notifika wahda, kien hemm il-preskrizzjoni tal-kontravvenzjonijiet. (3) li l-imputazzjoni numru hamsa hija kompriza w involuta fl-ewwel akkuza w l-istess japplika ghall-akkuza ta' hebb. Jekk ma jirrizultax l-ewwel reat allura jista' jkollhom ezistenza separata. Jekk wiehed jaghmel ferita mhux b' arma tan-nar, bil-fors irid ikun hebb ghall-persuna ohra. Altrimenti jkun hati talli hebb minghajr ma darab. (4) li fid-difiza tal-provokazzjoni, l-Ewwel Qorti ma qaghdietx fuq it-*test* soggettiv imma dak oggettiv u inoltre dahlet fil-kwistjoni jekk l-att tal-provokatur hux wiehed "ingust" jew le, meta l-ligi taghna ma dahhalx dan il-kriterju. (5) Dwar il-piz tal-prova l-Ewwel Qorti ma kienetx korretta meta qalet li l-appellant ma kienx gab provi biex jissostanza l-versjoni tieghu, hlief li xehed hu. Bir-rispett dan ifisser li biex jitwaqqa' l-kaz tal-prosekuzzjoni, l-akkuzat irid ikun korroborat. Imma l-piz tal-prova qatt ma jghaddi fuq l-akkuzat imma hija l-prosekuzzjoni li trid sahansitra teskludi l-attenwanti w f' dal-kaz li l-prosekuzzjoni trid tipprova li l-att sar minghajr provokazzjoni. (6) li l-appellant ma kellux**

**jinstab hati fuq il-fatti kif graw. L-appellant isostni li fil-fatt huwa kien aggredit minn erba min-nies. Il-versjoni li l-appellant kien ta *a tempo vergine* kienet konsistenti w incidentalment korroborata mix-xhieda tal-istess akkuzaturi tieghu. Huwa agixxa in legittima difeza, ghalkemm ma jistax jaf la preciz minn tah u lanqas kif laqat hu. Hu kien hemm ghall-affari tieghu; ma kienx hemm b' kapricc u kien aggredit ingustament. (7) Dwar il-piena dan kien l-ewwel u l-uniku kaz tal-appellant. Ghalhekk ma kienx jixraqlu l-kumment li hu *"cowboy"*. L-appellant ilu jsofri mill-marda tal-epilessija minn mindu kellu tlitt snin u ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti tammetti lit-tabib konsulenti tieghu biex jxhed dwar din il-kondizzjoni medika tieghu. (8) L-appellant jikkontendi li hu ghandu dritt t' appell (art. 2 tas-7 Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, issa mizjud ukoll mal-Kap.319) u anki skond l-artikolu 6 tal-istess konvenzjoni, ladarba l-legislazzjoni taghti dritt t' appell, anki f' dan l-istadju hemm il-garanziji kollha li jipprovdi l-istess artikolu, fosthom dik tal-prezunzjoni tal-innocenza w mhux il-prezunzjoni tal-htija li tohrog mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Il-Kostituzzjoni taghna tiddistingwi bejn appell u review (art. 39). Finalment l-appellant talab li f' dan l-istadju jithalla' jressaq bhala xhieda lil missier u oht l-appellant ghar-ragunijiet moghtija fir-rikors.**

**Semghet ix-xhieda ta' l-ispecjalista kuranti tal-appellant u tal-vittma Anna Camilleri, bi qbil bejn il-prosekuzzjoni w d-difiza.**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Fl-ewwel lok il-Qorti qed tichad it-talba tal-appellant biex jipproduci bhala xhieda lill-missier u oht l-appellant billi dawn ix-xhieda l-appellant kien jaf**

**bihom mill-bidu nett u ma kienx il-kaz li bil-mezzi li taghti l-ligi, hu ma setghax igibhom quddiem l-Ewwel Qorti kif lanqas ma hu l-kaz li tali prova giet offerta quddiem l-Ewwel Qorti u dik il-Qorti, bla ma kien imissha, cahdet din il-prova kif provdut fl-artikolu 424 tal-Kodici Kriminali. Di fatti wara li fis-seduta tat-13 t' Ottubru, 2003, l-appellant kien informa lill-Ewwel Qorti li ghandu diversi xhieda w l-kawza giet differita ghall-1 ta' Dicembru, 2003, fid-9 am. ghall-provi tad-difiza, l-unika prova li ressaq l-appellant kienet id-depozizzjoni tieghu stess, minkejja li saru ghaxar differiment li fi tminja minnhom l-appellant ma deherx. Meta umbaghad il-kawza giet differita ghas-sentenza l-ewwel darba fis-16 ta' Frar, 2005, ma giet verbalizzata ebda talba ghall-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda, izda hu verbalizzat biss li saret it-trattazzjoni (fol.129). Lanqas ma jirrizulta li sar xi rikors wara din id-data ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex hu jressaq dawn ix-xhieda. Jekk b' xi nuqqas ta' komunikazzjoni bejnu w bejn l-avukat difensur tieghu, dawn il-provi ma pproducihomx fl-istadju opportun quddiem l-ewwel Qorti, mhux lecitu li issa jithalla jipproducihom f' dan l-istadju tal-appell.**

**Illi dwar l-ewwel aggravju li jirrigwarda n-natura tal-offiza subita minn Anna Camilleri w cioe' jekk hux kaz ta' sfregju jew sfregju gravi w permanenti, din il-Qorti hasset li kellha hi stess tikkonstata *"de visu"* f' hix jikkonsisti l-isfregju allegat u ghalhekk regghet semghet lill-Anna Camilleri ghal dan l-oggett u biex tara sew x' inhu l-istat taghha illum.**

Anna Camilleri **xehdet li kellha hmistax il-pont madwar ghajnejha w li kienet ghamlet operazzjoni ghax inghalqulha xi kanali tad-dmugh imma li issa kienet tqis li fieqet . Di fatti qalet li ghall-isfregju thossha mfejjqa w kullhadd hekk jghidilha. L-aktar li kienet bezghet kien ghal ghajnejha imma issa qed tara sewwa w anki d-"*ducts*" tad-dmugh irrangaw. Thossha naqra meta jigi r-rih taghha.**

**Illi mill-ezami akkurat u mill-vicin ta' wicc Anna Camilleri, din il-Qorti setghet tikkonstata bla ebda dubju li llum hi tinsab imfejjqa kompletament u li ma hemm ebda sinjal vizibbli tat-trawma li sofriet f' wiccha. Ghalhekk zgur li llum mhux qed issofri minn sfregju gravi w permanenti w li l-isfregju li setghet sofriet minnu kien wiehed gravi izda mhux gravissimu w cioe' dak li jaqa' taht l-artikolu 216 (b) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk dan l-Ewwel aggravju jidher pjenament gustifikat.**

**Illi dwar it-tieni aggravju li jirrigwarda l-preskrizzjoni tal-ahhar tlitt imputazzjonijiet, jirrizulta li dan il-process dwar l-incident li gara fid-9 ta' Lulju, 2000, beda bir-registrazzjoini tac-citazzjoni fir-Registru tal-Ewwel Qorti fit-28 ta' Lulju, 2000 u cioe' qabel ma dahlet in vigore l-emenda ghall-artikolu 687 tal-Kodici Kriminali li tirrigwarda s-sospensjoni taz-zmien tal-preskrizzjoni mill-waqt li l-imputazzjoni tigi notifikata lill-akkuzat sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza definittiva fil-procedimenti li jkunu nbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni, introdotta bl-Att III tas-sena 2002. Ghaldaqstant, stante li t-tielet, ir-raba w l-hames imputazzjonijiet huma ta' natura kontravvenzjonali, jkunu preskritti bil-passagg ta' aktar minn tlitt xhur bejn kull att tal-procediment li jigi notifikat lill-akkuzat (art. 688 (f) u 693 tal-Kap.9). Il-kawza kellha tibda' tinstema' fid-29 ta' Settembru, 2000, skond ittra li l-Ewwel Qorti baqghet lill-ispettur fil-31 ta' Lulju, 2000 (fol.4). Izda sussegwentement id-data nbidlet ghal 31 t' Ottubru, 2000 (Fol. 5). Dak in-nhar deher l-imputat u bdiet il-kompilazzjoni. Dak in-nhar ukoll ma giet sollevata ebda eccezzjoni ta' preskrizzjoni mill-appellant assistit u ghalhekk ma saret ebda verifika ta' meta l-appellant kien gie notifikat bic-citazzjoni w ghalhekk din il-Qorti ma tistax tassumi li kien gie notifikat aktar minn tlitt xhur wara l-allegat reat . Pero' umbaghad kien hemm serje ta' differimenti u rinviji - hafna minnhom inutili - jew ghax ma jidhirx l-appellant, jew ghax ma jidhirx l-ufficjal prosekutur jew ghax ma jidhirx id-difensur jew ghall-ragunijiet li hadd ma kellu kontroll fuqhom –**

**fosthom incendju fil-Qorti. Bejn dawk id-differimenti li fihom deher l-appellant mhux darba w tnejn li kienu ghaddew aktar minn tlitt xhur. Per ezempju kien hemm dak bejn id-9 ta' Novembru, 2000 u dak tas-16 ta' Frar, 2001, dak bejn il-15 ta' Novembru, 2001 u t-18 ta' Frar, 2002, dak bejn it-18 ta' Frar, 2002 u 2 ta' Lulju, 2002, u dak bejn is-27 ta' Jannar, 2003 u t-13 t' Ottubru, 2003. F' dan l-ahhar kaz giet prodotta riferta pozittiva li jgib id-data tat-23 t' April, 2003 (fol.110) biss u bejn din l-ahhar data w meta deher l-appellant ghaddew kwazi sitt xhur. Umbaghad bejn l-1 ta' Dicembru, 2003 u l-24 ta' Novembru, 2004, f' liema zewg okkazzjonijiet biss deher l-imputat minkejja xi disa' differimenti li fihom ma deherx , ma giet prodotta ebda riferta pozittiva .**

**In vista ta' dawn l-intervalli twal u ripetuti bejn differiment u iehor li fihom deher l-appellant u li kollha jeccedu t-tlitt xhur u li fihom darba biss inhasset il-htiega li tintalab u tigi esebita r-riferta tan-notifika tal-appellant fil-frattemp, minkejja l-assenza ripetuta tieghu, din il-Qorti qed taqta' w tiddeciedi li l-aggravju tal-preskrizzjoni tat-tielet , ir-raba w l-hames imputazzjoni, ghandu jigi milqugh.**

**Illi dwar it-tielet aggravju li jikkoncerna l-assorbiment tat-tielet u tal-hames imputazzjoni fl-ewwel w fit-tieni imputazzjoni, una volta li din il-Qorti qed tiddeciedi li dawn l-imputazzjonijiet gew preskritti, ma hux il-kaz li toqghod tidhol fih aktar.**

**Illi ghar-rigward tar-raba', l-hames u s-sitt aggravji dawn jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, sija jekk dik il-konkluzzjoni tkun wahda ta' htija fil-kaz**

**ta' appell mill-akkuzat kif ukoll fil-kaz ta' appell mill-Avukat Generali meta l-konkluzzjoni tkun wahda ta' liberazzjoni. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper" **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati, il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht  ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, stante li l-ahhar tlieta issa qed jigu dikjarati preskritti.**

**Illi l-provi diretti kontra l-appellant huma d-depozizzjonijiet ta' Anna Camilleri, Franco Camilleri, Tania Camilleri w John Azzopardi li huma kollha konkordi dwar kif gara l-incident u li kien l-appellant li bla ebda raguni, hlief forsi l-fatt li Franco Camilleri kien irraporta lill-appellant u lill-missieru li kienu qed jingombraw "*parking space*" bil-kaxxi tal-Coca, tefa' flixkun fid-direzzjoni ta' Franco Cmilleri li kien bilqeghda fil-car tieghu magemb martu. Dan il-flixkun ma laqatx lill-Franco Camilleri, laqat lil Anna Camilleri f' wiccha w inkiser. Wara umbaghad hebb ghall-Franco Camilleri  waqt li dan kien ghadu fil-karozza w anki hebb ghall-Anna Camilleri wara li din – feruta kif kienet – harget mill-car. Irrizulta li f' dan l-incident Anna Camilleri kellha tittiehed l-Isptar u tigi suggetta ghal diversi interventi w li Franco Camilleri (dok. CSH**

**2) (fol. 14A) u John Azzopardi (dok. CSH 4) (fol.165) kellhom feriti ta’ natura hafifa.**

**Hemm umbaghad ukoll provi indizjarji li jikkorroboraw il-versjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni bhal ma hija s-sejba tal-bicciet tal-flixkun gol-karozza li go fiha kienu l-konjugi Camilleri w John Azzopardi kif ukoll fatti ohra bhal ma huma l-fatt li ma jirrizultax li l-appellant garrab xi feriti – fatt li jikkontradici l-allegazzjoni tieghu li daru erba min-nies ghalih, tefghugh mall-art u bdew isawwtuh kemm jifilhu.**

**L-appellant xehed fis-seduta tat-2 ta’ Lulju, 2002 (fol. 101 et seq.) u kkonferma fis-sustanza dak li kien qal fl-istqarrija tieghu lill-Ispettur Stephen Gatt (fol. 17-18). Spjega li l-incident beda’ meta Franco Camilleri ried jipparkja car tieghu fl-ispazju taht il-bankina quddiem il-gabbana taghhom fejn huma kienu poggew xi kaxxi tal-minerali biex jirrizervaw spazju ghal car t’ ommu li ma kienetx tiflah timxi minhabba xi operazzjoni. L-appellant xehed li Camilleri kien qabad dawn iz-zewg kaxxi w tefaghhom bil-herra ghall-faccata tal-gabbana fost kliem hazin. Umbaghad mar qal lill-Pulizija w dawn kienu qalulu jnehhi l-kaxxi kif fil-fatt kien ghamel. Wara ftit Camilleri, li sadattant kien dar mac-*centre strip* u gie minn-naha opposta, beda’ jghajjru annimal u li kellu jnehhihom il-kaxxi. Hu ma kellmux lil Camilleri. Wara ftit iehor rega’ ghadda man-naha tat-triq fejn kienet il-gabbana isuq bil-mod u beda’ jghidlu li kellu jnehhi l-kaxxi w meta hu mar fejn il-car ta’ Camilleri w staqsieh ghaliex kien qed jghidlu hekk, taru minnufieh mill-karozza w daru t-tlieta li kienu fil-car ghalih, tefghuh mall-art u bdew jatuh bis-sieq. Ghalkemm hu mar il-polyclinic, certifikat m’ ghandux, ghax kienet ratu nurse mhux tabib.**

**Qal ukoll li l-z-zewg flixken li kellu kien gabhom mill-istore faccata w mhux mill-gabbana w li wiehed minnhom inkiser mall-karozza u l-iehor fl-art. Hu ukoll kien intilef kif intilfu huma.**

**Issa l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita' li tara lix-xhieda jixhdu *"viva voce"* u setghet taghmel l-apprezzament taghha dwar il-kedibilita' o meno taghhom w ddecidiet li l-versjoni tal-appellant ma kienetx attendibbli w kienet priva minn kull korroborazzjoni. Invece dik tax-xhieda tal-prosekuzzjoni kienet konkordi u korroborata.**

**Illi din il-Qorti, wara li regghet ezaminat il-provi bl-akbar reqqa', tara li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal din il-konkluzzjoni w ghalhekk, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ma tarax li hemm xi raguni biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti.**

Illi inoltre l-Ewwel Qorti ma accettatx id-difiza tal-provokazzjoni mhux ghax addottat xi test oggettiv minnflok wiehed  soggettiv imma ghax qalet li mill-fatti li rrizultaw ma kienx hemm din il-provokazzjoni w li l-incident kien gie krejat mill-appellant. Illi l-Ewwel Qorti kienet irritjeniet li ma kienx hemm provokazzjoni mil-fatt li Franco Camilleri mar irraporta lill-Pulizija li l-appellant kien qed jikkapparra l-*parking space* bil-kaxxi taht il-bankina. Qalet ukoll li l-versjoni tal-appellant kienet kontradetta *in toto* mix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni, li ghandha mis-sewwa, hi kostanti (recte "konsistenti") u korroborata mill-feriti kollha li gew deskritti mit-tobba w mic-certifikati medici.

**Din il-Qorti, fuq il-bazi tar-rizultanzi, wkoll ma tarax li ghandha xi raguna ghala ma ghandhiex taqbel ma din il-konkluzzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti w ghalhekk ma jidhirx li hemm xi attenwanti biex jiggustifika jew inaqqas ir-responsabbilta' tal-appellant, ghajr forsi r-ragunijiet medici kif spjegati mill-ispecjalista kuranti tal-appellant li  xehed li kien ilu jikkura lill-appellant mill-1990 fl-isptar San Luqa u li qabel l-appellant  kien qed jigi trattatt ghall-epilessija fid-dipartiment tal-pedjatrija tal-istess sptar sa mill-1986. L-appellant kien ghadu sal-lum jircevi l-kura ghal problemi psikjatrici. Qal ukoll li wara attakk t' epilessija, l-appellant jista' jkun aggressiv w konfuz. Ghalkemm**

**ma kienx perikoluz ghas-socjeta', f' certi cirkostanzi straordinarji r-rejazzjonijiet tieghu ma jkunux li tistennihom. Ma jkunx responsabbli f' certi cirkostanzi meta jkun *"under stress"* u jhossu *"threatened"*. Illum l-appellant ghandu 29 sena w hu invalidat.**

**Fil-fehma ta' din il-Qorti pero' dawn ir-ragunijiet ma jinkwadrawx taht l-artikolu 33 tal-Kodici Kriminali, b' mod li l-appellant ikun ezenti mir-responsabbilta' kriminali. Se mai, dawn ir-ragunijiet marbuta mall-kondizzjoni medika jistghu, al massimu, jinfluwenzaw lil din il-Qorti meta tigi biex tiddeciedi dwar il-piena, flimkien ma konsiderazzjonijiet ohra.**

Ghalhekk dwar il-konkluzzjoni ta' htija bazata fuq id-dinamika tal-incident raggunta dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet l–Ewwel Qorti kienet perfettament korretta w din il-Qorti tikkondividi l-istess apprezzament ta' fatt li sar mill-Ewwel Qorti w taghmlu taghha.

**Ikkonsidrat;**

**Illi fil-waqt li ma hemmx kontestazzjoni li l-offizi subiti minn Franco Camilleri w John Azzopardi kienu ta' natura hafifa, mhux l-istess pero' ghar-rigward tan-natura tal-feriti subiti minn Anna Camilleri. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti semmiet li l-appellant kien hati ta' ferita serja fuq Anna Camilleri u li tikkostitwixxi sfregju f' wicc ta' mara. Fost l-artikoli citati mill-Ewwel Qorti li tahthom sabet htija hemm l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Dan jimplika li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' <u>sfregju gravi u permanent</u>i fil-wicc t' Anna Camilleri. Gie ukoll citat l-artikolu 216 li fost ohrajn jikkontempla l-offiza gravi ta' sfregju w dik hekk imsejjha bhala gravi *per durata.* (subartikolu (1) (b) u (d) )**

**Issa fil-waqt li ma hemmx dubju li l-offizi subiti minn Anna Camilleri damu aktar minn tletin jum biex fiequ kemm dawk li jirrigwardaw il-hsara fid-*duct* tad-dmugh kif ukoll dawk tal-feriti fuq il-wicc u madwar l-ghajn, ebda wahda minnhom skond l-istess Anna**

**Camilleri ma baqghu permanenti. Ghalhekk jidher li l-feriti kienu kollha gravi *per durata* w ghalhekk jammontaw ghall-offizi ta' natura gravi koperti mill-artikolu 216.**

**Dwar l-isfregju fil-wicc ta' Anna Camilleri, ghalkemm dan indubbjament ezista w ppersista ghal xi zmien, illum, hames snin wara l-incident, fortunatament ma ghad fadal ebda traccja tieghu kif issostni l-istess vittma w kif ikkonstatat *de visu* l-istess Qorti minn ezami akkurat ta' wiccha. Ghalhekk zgur li din l-offiza ma taqax taht l-artikolu 218 (b), fejn il-piena hija dik ta' prigunerija minn disa' xhur sa disa' snin, imma taqa' biss taht l-artikolu 216 (1) (b) u (c), fejn il-piena hija dik ta' prigunerija minn tlitt xhur sa tlitt snin. Dan l-izvilupp pozittiv fil-fejqan komplet tal-vittma jrid necessarjament jigi rifless fil-piena li trid tigi erogata.**

**Inoltre, dwar is-seba' aggravju li jirrigwarda l-piena, in vista tal-konkluzzjoni raggunta dwar in-natura tal-offizi subiti minn Anna Camilleri, jidher li ghandu jkun hemm temperament fil-piena billi l-piena kontemplata ghar-reat ta' sfregju gravi w permanenti li tieghu jidher li nstab hati l-appellant hija ferm oghola minn dik ta' sfregju kontemplat fl-artikolu 216 (1) (b), kif fuq intqal.**

**Din il-Qorti qed taghti ukoll importanza w piz lill-fatt li Anna Camilleri xehdet ukoll li <u>hi kien iddispjaciha meta saret taf li l-appellant kien gie kundannat ghall-habs mill-Ewwel Qorti w li, ghal dak li jirrigwarda lilha, tahfer lill-appellant</u>, kif ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Elton Abela" **[19.2.2004], (fejn, nonostante ammissjoni ta' akkuza ta' tenattiv t' omicidju, hasset li kien il-kaz li tapplika l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali), kif ukoll tati importanza lill-fatt li l-appellant ghandu kondotta ghal kollox netta w li dak li ghamel seta' kien dovut ghall-marda tieghu, kif xehed u spjega t-tabib specjalista kuranti tieghu. Il-Qorti qieset ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur Dr. Joseph Brincat li biha, bla pregudizzju, ddikjara li l-**

**appellant kien qed jimpenja ruhu li jekk jigu prodotti xi kontijiet mill-vittma, dawn jithallsu f' ammonti rateali.**

**Finalment b' riferenza ghat-tmin aggravju fejn donnha qed titqajjem kwistjoni ta' natura w indoli Kostituzzjonali, din il-Qorti thoss li ma hemmx lok li din il-lanjanza tigi investigata ulterjorment ghax din il-Qorti qed terga' tiddelibera hi stess mill-gdid fuq il-mertu w qed tikkonferma w taqbel mar-ragunijiet u motivazzjoni moghtija fis-sentenza appellata dwar id-dinamika tal-incident u n-nuqqas tal-attenwanti tal-provokazzjoni, mhux biss ghax l-Ewwel Qorti ddecidiet hekk imma ghax hi stess - <u>wara ezami approfondit tal-provi</u> - tikkondividi pjenament l-istess konkluzzjoni. F' kull kaz, jekk tali kwistjoni qed titqajjem formalment bhala wahda kostituzzjonali, in vista' tal-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati fejn jirrigwarda apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti qed tiddikjara tali kwistjoni bhala wahda frivola w vessatorja a tenur tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' limitatament l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu b'dana li l-ewwel imputazzjoni taqa' taht l-artikolu 216 (b) u (c) tal-Kodici Kriminali w tirrevokaha in kwantu ddikjarat lill-appellant hati ukoll tat-tielet, tar-raba u tal-hames imputazzjonijiet stante li dawn issa qed jigu dikjarati li huma preskritti kif fuq intqal, kif ukoll tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' sentejn u nofs u minnflok tikkundanna lill-appellant ghall-piena ta' sentejn prigunerija b' dana li s-sentenza m' ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba' (4) snin mill-lum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tordna ukoll a tenur tal-artikolu 28G li l-appellant ikun taht is-supervizjoni tal-ufficjal tal-probation Mariella Camilleri ghaz-zmien tal-periodu**

**operattiv kollu u ghal dan il-fini qed taghmel l-ordni infraskritta, kif ukoll a tenur tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, qed taghti direttiva w tordna lill-appellant li jhallas lil Anna Camilleri s-somma ta' elf lira Maltin (LM1000) fi zmien sitt xhur mil-lum bhala kumpens ghall-kull telf li hija sofriet minnhabba l-offizi gravi minnu lilha kagjonati w dana bla pregudizzju ghad-drittijiet ta' kull wahda mill-partijiet li johorgu mill-likwidazzjoni finali ta' kull ammont dovut , jekk ikun il-kaz, kif jista' jigi eventwalment miftiehem jew deciz f' kawza civili jew b' kull mod iehor permess mill-ligi, u fin-nuqqas li jsir dan il-hlas fiz-zmien fuq imsemmi, din il-Qorti tirrizerva li, wara li jsiru l-proceduri stabiliti fis-subartikoli (4) (5) u (6) tal-istess artikolu 28H, tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda' sehh.**

**Il-Qorti, a tenur tal-artikoli 28A (4), 28G (7) u 28H (7), qed tispjega lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta' tieghu taht dawn l-artikoli jekk hu jikkommetti matul il-periodu ta' erba snin reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija w/jew jekk jonqos li josserva l-kondizzjonijiet tal-ordni tas-supervizjoni jew li jikkonforma ruhu ma din id-direttiva tal-hlas tas-somma ta' elf lira Maltin (LM1000) fi zmien sitt xhur mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------